**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IR-RABA' SENA | MALTI (FEHEM MIS-SMIGĦ) | ĦIN: 20 MINUTA |
|---|---|---|

## Gwida għat-tmexxija ta' l-eżami tal-Fehem mis-Smigħ

**Riżorsi:**
**1.** Test li jinqara
**2.** Karta tal-mistoqsijiet
**3.** Riga u lapes

INTRODUZZJONI: Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

### L-għalliem/a j/tgħid lit-tfal li

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | • ser tinqralhom l-istorja ***"Qatgħa mill-kbar!"***<br>• għandhom jisimgħu b'attenzoni waqt dan il-qari<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari | **(3 minuti)** |
| **2.** | • jaqraw il-mistoqsijet mogħtija waqt li l-għalliem/a j/taqrahomlhom għal darba. | **(3 minuti)** |
| **3.** | • jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet u jisimgħu t-tieni qari tat-test.<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari. | **(3 minuti)** |
| **4.** | • għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba.<br>• jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija. | **(5 minuti)** |
| **5.** | • ser jinqralhom it-test għat-tielet darba.<br>• jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari. | **(3 minuti)** |
| **6.** | • jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba. | **(3 minuti)** |

| IR-RABA' SENA | MALTI (FEHEM MIS-SMIGĦ) | Karta ta' l-għalliem/a |
|---|---|---|

# Qatgħa mill-kbar!

1. Ġino u Marta kienu żewġt aħwa bil-għaqal. Marta kellha ħdax-il sena. Ħuha kien sentejn iżgħar. Ommhom kienet tħallihom joħorġu waħidhom.

2. F'jum ta' vaganza ħarġu jduru bil-kelb. Ġibdu lejn il-port f'tarf il-villaġġ. Madwar il-port hemm ħafna mħażen. Ma kinitx l-ewwel darba li marru f'dik it-triq.

3. Daħlu f'maħżen mitluq. "Naraw x'fih?" staqsa Ġino. Bla ma wieġbet, Marta għamlet sinjal b'rasha biex turih li qablet miegħu.

4. Dan il-maħżen kien kbir ħafna. Fih kien hemm xi kmamar tal-friża. Daħlu ġewwa waqt li l-kelb baqa' jiġri 'l hawn u 'l hinn.

5. Dakinhar kien jum bir-riħ. Daħlu f'waħda minn dawk il-kmamar. F'daqqa waħda nstabat il-bieb. Inqaflu ġewwa. "Ġratilna waħda tinkiteb," qalet Marta. "Min jaf isibuniex!" weġibha Ġino. Bdew jgħajtu għall-għajnuna bit-tama li jismagħhom xi ħadd.

6. Il-kelb induna fejn kienu t-tfal u beda jinbaħ. Żewġ pulizija semgħu l-kelb jinbaħ. Dawn kienu bil-karozza tal-pulizija ħdejn l-imħażen. Kif semgħu l-kelb jinbaħ resqu lejn il-bieb tal-maħżen minn fejn beda jurihom il-kelb.

7. Wieħed mill-pulizija bagħat messaġġ bir-radju. Malajr għaddew il-messaġġ lis-surġent fl-għassa. "Sibniehom!" għajjat is-surġent. "Ma ġralhom xejn!"

8. "Imn'Alla kien Frizz! Hu ħelisna mill-inkwiet," stqarrew Marta u Ġino hekk kif għannqu lill-kelb.

9. Il-ġenituri tagħhom kienu ilhom ħafna ħin fl-għassa. Kienu għamlu rapport għax uliedhom ma waslux id-dar. Ħadu r-ruħ kif ġiethom l-aħbar tajba. "Niżżu ħajr lil Alla," qalu flimkien. Issa baqa' biss li jaraw lil uliedhom qawwijin u sħaħ.

## Qatgħa mill-kbar!

*Agħżel l-aktar waħda li tagħmel sens. Aqta' sing taħtha.*

1. L-omm kienet tafda lil Marta u lil Ġino għax: kienu tfal qliel.
   kienu ġellidin.
   kienu bil-għaqal.
   kienu beżżiegħa.

2. Madwar il-port kien hemm ħafna: ħażin.
   ħażen.
   użin.
   mħażen.

3. It-tfal riedu jaraw x'fih il-: port.
   maħżen.
   kexxun.
   villaġġ.

4. Hemmhekk daħlu f'kamra: tal-banju.
   ta' l-ikel.
   tal-friża.
   tal-gass.

5. F'daqqa waħda l-bieb ingħalaq: b'sabta.
   bil-herra.
   bil-mod.
   bid-daqqa.

6. F'dik il-kamra l-kelb ma: fetaħx il-bieb.
   ħarabx magħhom.
   qabiżx magħhom
   daħalx magħhom.

7. Minn ġewwa bdew jgħajtu: għaċ-ċavetta.
   għan-nifs.
   għall-ajjut.
   għall-ikel.

8. Meta nqaflu ġewwa t-tfal bdew: jifirħu.
   ikantaw.
   jibżgħu.
   jieklu.

9. Lill-pulizija l-kelb ġibdilhom:
   - widnejhom.
   - il-karozza.
   - ir-radju.
   - l-attenzjoni.

10. Fil-messaġġ tagħhom il-pulizija qalu li:
   - tilfu lit-tfal.
   - sabu lit-tfal.
   - sakkru lit-tfal.
   - ħbew lit-tfal.

11. Liema sentenza taqbel ma' dak li ġara fl-aħħar tal-ġrajja?
*Aqta' sing taħtha.*

    Imn'Alla kien il-kelb li wassalhom.
    Imn'Alla kien il-kelb li salvahom.
    Imn'Alla kien il-kelb li għalaqhom.
    Imn'Alla kien il-kelb li fetħilhom.

12. Sib is-sentenza li turi kif ħassewhom il-ġenituri wara li ħadu l-aħbar it-tajba. *Aqta' sing taħtha.*

    Il-ġenituri ħarġu jiġru 'l barra mill-għassa.
    Il-ġenituri ddejqu bl-aħbar.
    Il-ġenituri m'emmnux il-messaġġ.
    Il-ġenituri kienu ħerqana jistennew il-wasla t'uliedhom.

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2004**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IR-RABA' SENA | MALTI (FEHEM MIS-SMIGĦ) | ĦIN: 20 MINUTA |
|---|---|---|

**Isem u Kunjom:** ______________________________________

**Klassi:** __________________________

Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.
Oqgħod attent/a l-ħin kollu.
Ara li tkun weġibt sewwa.

Marki: 1 – 9 (marka kull waħda)
10 – 12 (2 marki kull waħda)
Total: 15-il marka

**Taħriġ il-Fehem mis-Smigħ**

# Qatgħa mill-kbar!

*Agħżel l-aktar waħda li tagħmel sens. Aqta' sing taħtha.*

2. L-omm kienet tafda lil Marta u lil Ġino għax:
   - kienu tfal qliel.
   - kienu ġellidin.
   - kienu bil-għaqal.
   - kienu beżżiegħa.

2. Madwar il-port kien hemm ħafna:
   - ħażin.
   - ħażen.
   - użin.
   - mħażen.

3. It-tfal riedu jaraw x'fih il-:
   - port.
   - maħżen.
   - kexxun.
   - villaġġ.

4. Hemmhekk daħlu f'kamra:
   - tal-banju.
   - ta' l-ikel.
   - tal-friża.
   - tal-gass.

5. F'daqqa waħda l-bieb ingħalaq:
   - b'sabta.
   - bil-herra.
   - bil-mod.
   - bid-daqqa.

6. F'dik il-kamra l-kelb ma:
   - fetaħx il-bieb.
   - ħarabx magħhom.
   - qabiżx magħhom
   - daħalx magħhom.

7. Minn ġewwa bdew jgħajtu:
   - għaċ-ċavetta.
   - għan-nifs.
   - għall-ajjut.
   - għall-ikel.

8. Meta nqaflu ġewwa t-tfal bdew:
   - jifirħu.
   - ikantaw.
   - jibżgħu.
   - jieklu.

9. Lill-pulizija l-kelb ġibdilhom:
   widnejhom.
   il-karozza.
   ir-radju.
   l-attenzjoni.

10. Fil-messaġġ tagħhom il-pulizija qalu li:
   tilfu lit-tfal.
   sabu lit-tfal.
   sakkru lit-tfal.
   ħbew lit-tfal.

13. Liema sentenza taqbel ma' dak li ġara fl-aħħar tal-ġrajja?
*Aqta' sing taħtha.*

Imn'Alla kien il-kelb li wassalhom.
Imn'Alla kien il-kelb li salvahom.
Imn'Alla kien il-kelb li għalaqhom.
Imn'Alla kien il-kelb li fetħilhom.

12. Sib is-sentenza li turi kif ħassewhom il-ġenituri wara li ħadu l-aħbar it-tajba. *Aqta' sing taħtha.*

Il-ġenituri ħarġu jiġru 'l barra mill-għassa.
Il-ġenituri ddejqu bl-aħbar.
Il-ġenituri m'emmnux il-messaġġ.
Il-ġenituri kienu ħerqana jistennew il-wasla t'uliedhom.

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2004**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| | | |
|---|---|---|
| IR-RABA' SENA | MALTI (KITBA) | ĦIN: SIEGĦA |

Isem ______________________________

Klassi ______________________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



**Aqra sewwa l-istorja t'hawn taħt. Wara wieġeb il-mistoqsijiet. In-numri fit-tarf tal-paragrafi jgħinuk issib it-tweġibiet.**



## *Il-Ġurdien u l-Qanfud*

Ġurdien żgħir ta' l-imramma ħareġ minn ġot-tiben u mar fl-għalqa fil-qrib. Kif wasal fl-għalqa nduna li kien hemm qanfud. Dan kien għaddej bil-lajma kollha minn bejn il-kaboċċi. (*Paragrafu 1)*

Il-ġurdien qal bejnu u bejn ruħu: "Dan jew daqsi jew huwa ftit ikbar minni. Tgħid jaċċetta jekk nistaqsih jilgħabx miegħi? Tgħid jitlaq 'l hemm? Imma jekk ma nippruvax ma nkunx naf." (*Paragrafu 2)*



Il-ġurdien ġera għal ħdejn il-qanfud biex jara jilgħabx miegħu. Il-qanfud kif rah riesaq lejh, beża', waqaf u sar kobba. Il-ġurdien kif rah kobba kien se jitlaq, imma mbagħad għamel il-kuraġġ u qallu: "Sa fejn naf jien, lilek jien m'għamiltlek xejn. Għaliex ma tridx tilgħab miegħi?" *(Paragrafu 3)*

"Imma int veru trid tilgħab jew trid tweġġagħni?" staqsieh il-qanfud minn taħt l-ilsien u jitriegħed bil-biża'. *(Paragrafu 4)*

"Jien ġejt biex nilagħbu flimkien bħala ħbieb," qallu l-ġurdien. U biex juri li tassew hekk kien mar biex jilgħab miegħu, tniggeż bix-xewk u qallu: "Lilek ma jaqbdukx u jikluk kif ġieb u laħaq. Bilfors ikollhom jitilquk għax tniggiżhom bix-xewk li għandek!" *(Paragrafu 5)*



"Jista' jkun li għalhekk ukoll m'għandix ħbieb," wieġbu l-qanfud li issa ma baqax kobba. *(Paragrafu 6)*

"Imma m'għandekx taqta' qalbek għax xi darba tiltaqa' ma' ħabib veru!" qallu l-ġurdien. *(Paragrafu 7)*

"Sewwa qed tgħid għax illum iltqajt miegħek," wieġbu ferħan il-qanfud. *(Paragrafu 8)*

## A. Agħmel sing taħt il-kelma t-tajba.



1a) Il-ġurdien ħareġ minn qalb (il-ħaxix, it-tiben, il-ġebel, ix-xewk).

1b) Il-ġurdien ra (qanfud, nemla, għasfur, qażquż).

1ċ) Il-ġurdien u l-qanfud saru ħbieb tal- (ħaxix, kamp, qalb, kaboċċi).

**(3 marki)**

**Issa wieġeb il-mistoqsijiet b'sentenzi sħaħ.**

2. Minn fejn kien għaddej il-qanfud? *(Paragrafu 1)*

___

3. Għalfejn il-ġurdien ried imur ikellem lill-qanfud? *(Paragrafu 2)*

___

4. X'għamel il-qanfud kif ra l-ġurdien riesaq lejh? *(Paragrafu 3)*

___

5. X'qallu l-ġurdien kif rah hekk? *(Paragrafu 3)*

___

6. Għaliex il-qanfud tkellem minn taħt l-ilsien? *(Paragrafu 4)*

___

7. X'għamel il-ġurdien biex juri li veru ried jilgħab mal-qanfud? *(Paragrafu 5)*

___

8. Għaliex ħadd ma jaqbdu malajr lill-qanfud? *(Paragrafu 5)*

___

9. Min taħseb li sar il-ħabib veru tal-qanfud? *(Paragrafu 8)*

___

**(8 marki)**



**B. Uża l-istorja biex issib it-tifsira:**

1. Sib kelma li tfisser **viċin**. ____________________ *(paragrafu 1)*
2. Meta xi ħadd jimxi bil-mod ngħidu li miexi bil-____________. *(paragrafu 1)*
3. Sib verb li għandu l-għerq **t-l-q**. ___________________ *(paragrafu 2)*
4. **Minn taħt l-ilsien** tfisser li tkellem _____________________. *(paragrafu 4)*

**(4 marki)**

**Ċ. Ikteb il-femminil tal-kelma b'sing taħtha. Ħares sewwa lejn l-eżempju.**

**Eżempju**: Iz-ziju u **z-zija** marru vaganza l-Italja.



1. Fir-razzett kien hemm żiemel u ________________.
2. Il-kelb u l- ________________ ġrew wara xulxin.
3. Kien hemm serduk u ________________ fir-razzett.
4. Il-gendus u l-________________ jieklu l-ħaxix.
5. Il-qattus u l- ________________ kienu reqdin ħdejn xulxin.
6. Rajt gidi u ________________ fir-razzett.

**(6 marki)**

---

**D. Daħħal verb fil-preżent mill-għerq li hemm fil-parentesi. Ħares lejn l-eżempju.**



**Eżempju:** Il-mara **(ħ-d-m)** **taħdem** ġo fabbrika.

1. Il-kelba **(f - r- ħ)** _________________ ħafna bina.
2. In-nemel **(ħ - d - m)** ________________ ħafna.
3. Il-fenka **(x - r - b)** _________________ ilma frisk.
4. Jiena **(ħ - s - b)** _________________li l-fenka kellha ż-żrameġ.
5. Il-ħamiem **(d – ħ - l)** ________________ waħdu wara t-tiġrija.
6. Żgur li l-fekruna **(r - b - ħ)** _________________ għax bil-għaqal.

**(6 marki)**



**E.** **<u>Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet:</u>**

| | | |
|---|---|---|
| **boton** | **Qatgħa** | **bixkilla** |
| **serbut** | **Ferħ** | **merħla** |





Ilbieraħ morna għand iz-ziju Toni li għandu razzett kbir. Tgħidx kemm ħadna gost naraw l-annimali li għandu. Malli wasalna sibnieh jitma' lill- ________________ mogħoż li għandu. Wara li lesta, aħna morna miegħu biex innaddfu l-gallinar tal-fniek. Sibna li fenka minnhom kellha ________________ żrameġ. Tgħidx kemm kienu ħelwin. Aħna u ħerġin, rajna ________________ nemel li beda jġorr xi qamħ li sab ħdejn il-gallinar tat-tiġieġ. Bżajna xi ftit meta rajna ________________ naħal. Aħna u ħerġin rajna ________________ għasafar ittir fil-għoli. Kemm dehru sbieħ itiru f'dak il-għoli! Qabel tlaqna, iz-ziju tana ________________ frott.

**(6 marki)**

**F.** **<u>Ikteb kliem flok numri:</u>**



***<u>Eżempju</u>***: Daħlu **(5) ħamsa** u ħareġ **(1) <u>wieħed</u>**.

1. Iż-żiemel bin-numru **(4)** __________________ daħal l-ewwel.
2. Xtara **(10)** __________________ oħra ta' razza differenti.
3. It-tiġieġ biedu **(25)** ______________________________ bajda.
4. Iz-ziju jqum fis- **(7)** __________________ biex jitma' l-annimali.
5. Fid- **(9)** __________________ ħa mmorru naraw il-wirja ta' l-annimali.
6. Il-kelba kellha **(14)** __________________ b'kollox.



**(6 marki)**

**Ġ. Fil-vojt daħħal is-singular tal-kliem fil-parentesi.**

**Eżempju:** Il-**qattus** (qtates) **qabad** (qabdu) **nemla** (nemel) u **farfett** (friefet).



1. Il- _______________ (klieb) u l- _______________ (qtates) huma żewġ annimali ħbieb tagħna.
2. Fis- ________________ (siġar) fil-________________ (ġonna) tagħna hemm _______________ (għasafar) u _______________ (tajr).
3. Il- _______________ (ħmir) ______________ (raqdu) fl- _____________ (istalel) taż- _______________ (żwiemel).

**(10 marki)**

---

**G. Aqra sewwa. Ifhem is-sens.**

**Wara imla l-vojt b'kelma waħda.**



Kull ____________ ta' Sibt, ___________ mmur ma' missieri _____________ razzett tagħna fis-Siġġiewi. Ngħabbu l-għodda kollha ________ it-trakk. Missieri ________ it-trakk ________ mod għax filgħodu t-triq tkun ____________ bin-nida. _____________ nieħdu magħna termos __________tè għax hemmhekk jaqbadna l-_____________.

**(10 marki)**

---

**Għ. Ikteb il-verb kif hemm bżonn. Il-Mamma fil-parentesi tgħinek.**

**L-ewwel waħda lesta.**



Meta ratni qed inpinġi flok nikteb, ommi qaltli, "Itlaq **(telaq)** it-tpinġija minn idejk, _________________ **(fetaħ)** il-pitazz u ___________________ **(kiteb)** dak il-komponiment fuq l-annimali." Imbagħad daret fuq ħuti ż-żgħar u qaltilhom, "________________ **(ħareġ)** minn hawn, _________________ **(ħasel)** jdejkom. ___________________ **(libes)** l-piġama u _________________ **(daħal)** fis-sodda għax sar il-ħin."

**(6 marki)**

**H. Komponiment – Agħżel WIEĦED biss. Ikteb 10 sentenzi fuqu.**



1. Jiena sirt lapes. Ħa ngħidilkom l-istorja tiegħi.

2. Għaliex tħobb tkun mal-ħbieb.



3. Ikteb ittra lil Xummiemu u għidlu dwar kif qed tieħu ħsieb l-ambjent.

4. Vaganza li ma ninsa qatt.

5. Xalata (**Uża l-istampa t'hawn taħt**.)
   *Xi kliem li jistgħu jgħinuk:*

| | | |
|---|---|---|
| xatt il-baħar | kitarra | umbrella |
| xugaman | ballun | vann tal-ġelati |



**(20 marka)**

*Tmiem il-karta*